# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Rikors Nru: 43/2022 LC

**ELMO INSURANCE AGENCY LIMITED**
**BĦALA RAPPREŻENTANTI TAS-SOĊJETÀ**
**ESTERA ROYAL & SUN ALLIANCE INSURANCE PLC**

*vs*

**MARTHESE CUTAJAR**
**(K.I. 70364M)**

**Illum, 17 ta' Jannar, 2024**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-soċjetà Elmo Insurance Limited (C-3500) ġia Elmo Insurance Agency Limited bħala rappreżentanti tas-soċjetà estera Royal & Sun Alliance Insurance PLC, fejn ġie premess illi:-

1. Illi permezz ta' sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet premessi, is-soċjeta' esponenti ġiet kanonizzat kreditriċi versu l-intimata.

2. Illi l-intimata għandha preżenzjalment tħallas lis-soċjeta' esponenti kreditriċi s-somma komplessiva ta' 577.66 Euros, in kwantu għal 58.24 Euros bħala sorte, 86.39 Euros bħala

imgħax dekorribli mit-2 ta' Lulju 2003 sal-11 ta' Jannar 2022, u 433.03 Euros oħra bħala spejjeż ġudizzjarji (senjatament 154.91 Euros rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji u legali tal-proċeduri quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iż-żgħar fl-ismijiet premessi, 102.41 Euros rappreżentanti l-ispejjez ġudizzjarji u d-drittijiet legali (Inkluż il-VAT) tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi bin-numru 1195/2005, 48.29 Euros rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji u d-drittijiet legali (inkluż il-VAT) tar-rikors intitolat fis-16 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet premessi u 127.42 Euros rappreżentati l-ispejjeż ġudizzjarji u d-drittijiet legali (inkluż il-VAT) tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi bin-numru 3375/2009; dan kollu skont id-dispożittiv tas-sentenza sovra menzjonata.

3. Illi għalkemm għaddew aktar minn għaxar (10) snin mid-data tal-pronunzjament tas-sentenza, is-soċjeta' esponenti għad għandha interess teżegwixxi l-istess deċiżjoni stante li l-intimata debitriċi għadha ma ħallsitx il-fuq imsemmi kreditu.

4. Illi, in ottempranza ma' dak sanċit fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avv. Alessia Zammit McKeon bħala mandatarja speċjali tas-soċjeta esponenti kreditriċi għall-fini ta' dan l-att, qiegħda tikkonferma bil-ġurament tagħha l-konvenut u l-verċita ta' dak sovra premess.

Għaldaqstant, is-soċjeta esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzah teżegwixxi s-sentenza mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet "Elmo Insurance Agency Limited noe vs Marthese Cutajar" (Talba Numru 1641/2003 JR), deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003, ai termini tal-Artikolu 258 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan skont l-ordnijiet, provvedimenti u/jew direttivi li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

Rat illi l-intimata Marthese Cutajar ġiet notifikata bil-mezz tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-6 ta' Marzu 2023;

Rat illi l-intimata, minkejja li ġiet debitament notifikata naqset milli tissottometti r-risposta tagħha u milli tidher quddiem din il-Qorti sabiex tiddefendi l-posizzjoni tagħha;

Rat illi r-rikors tas-soċjetà rikorrenti ġie debitament ikkonfermat bil-ġurament mir-rappreżentanta tal-istess soċjetà;

Rat illi minkejja li s-seduta tal-lum stess kienet intiża għall-provi tal-intimata, hija baqgħet ma dehritx, minkejja li ġiet imsejjħa diversi drabi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta mill-atti proċesswali li permezz ta' sentenza erogata nhar it-03 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet premessi, is-soċjetà rikorrenti kisbet titolu eżekuttiv kontra l-intimat għall-ammont ta' €58.24 (LM25) bħala sorte. Illi flimkien ma dan l-ammont, hemm ukoll l-ammont ta' €86.39 rappreżentanti imgħax dekorribbli mit-2 ta' Lulju 2003 sal-11 ta' Jannar 2022, u €433.03 rappreżentanti spejjeż ġudizzjarji (senjatament €154.91 rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji u legali tal-proċeduri quddiem it-Tribunal tat-Talbiet iż-Żgħar u €102.41 rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji u d-drittijiet legali (Inkluż il-VAT) tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet premessi bin-numru 1195/2005, €48.29 rappreżentanti l-ispejjeż ġudizzjarji u d-drittijiet legali (inkluż il-VAT) tar-rikors intavolat fis-16 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet premessi u €127.42 rappreżentati l-ispejjeż ġudizzjarji u d-drittijiet legali (inkluż il-VAT) tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi

bin-numru 3375/2009; dan kollu skont id-dispożittiv tal-imsemmija sentenza.

Illi r-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti George Stagno Navarra kkonferma bil-ġurament tiegħu illi l-ammont għadu dovut mill-intimata.

Ikkonsidrat;

Illi r-rikors odjern qiegħed isir abbażi tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola:

> ***"258.*** *Wara –*
>
> *Omissis*
>
> *(b) għeluq ta' għaxar snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a), (ċ) u (d) tal-artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Żgħar seta' ġie esegwit; jew*
>
> *Omissis*
>
> *l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut."*

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**[1],:

> *"Illi minn dan jidher li l-uniku eżami li għandha tagħmel l-istess Qorti għall-akkoljiment tal-istess rikors huwa biss li tindaga u taċċerta ruħha dwar l-eżistenza tal-istess titolu eżekuttiv, u li l-ammont hekk kannonizzat jew parti minnu huwa dovut, u dan tramite l-konferma bil-ġurament tal-istess rikorrenti. Fil-fatt, xejn iżjed ma huwa rikjest skond l-istess artikolu, lanqas in-notifika lill-kontro-parti u wisq inqas li l-istess rikors jiġi appuntat għas-smigħ."*

Ikkonsidrat;

Illi fil-każ *de quo* jirriżulta ampju li s-sentenza ottenuta mis-soċjetà rikorrenti tikkostitwixxi titolu eżekuttiv ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi jirriżulta ampju wkoll li l-perjodu maħsub fl-Artikolu 258(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta skada u s-soċjetà rikorrenti għad għandha interess fl-eżekuzzjoni tas-sentenza;

Illi finalment, ir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrent kkonferma bil-ġurament tiegħu ix-xorta tad-dejn li qiegħed ifittex l-esekuzzjoni tiegħu u li dan għadu dovut fl-intier tiegħu sal-ġurnata tal-lum;

B'hekk il-Qorti ma tarax raġuni għalfejn m'għandhiex tgħaddi biex tilqa' t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti u dan peress li l-elementi kollha rikjesti mil-liġi huma sodisfatti.

[1] **HSBC Bank Malta p.l.c. vs John Dalli et**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' April 2002, (Rik Ġur Nru 2694/99 RCP):

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti u tawtorizza l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li hija ottjeniet fil-konfront tal-intimata bis-saħħa tas-sentenza hawn fuq indikata.

Bl-ispejjez tal-preżenti a karigu tal-intimata.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**